**KUNSILL LOKALI GHAJNSIELEM**

**GĦAJNSIELEM LOCAL COUNCIL**

Minuti tas-sebgha u tletin laqgha tas-Sitt Kunsill Lokali t'Ghajnsielem, li nzammet nhar it-Hamis, 17 ta' Marzu, 2011, fis-2.00 ta' wara nofs in-nhar.

| | | |
|---|---|---|
| Prezenti: | Is-Sur Francis Cauchi | Sindku |
| | Is-Sur Stephen Mercieca | Vici Sindku |
| | Is-Sur Larry Buttigieg | Kunsillier |
| | Is-Sur Peter Caruana | Kunsillier |
| | Is-Sur Joe Camilleri | Kunsillier |
| | Is-Sinjura Amanda Cauchi | Segretarju Ezekuttiv |

1. Talba – Wara li s-Sindku qal talba, ta bidu ghal-laqgha.

2. Korrezzjoni u approvazzjoni tal-Minuti

   Is-Sur Joe Camilleri staqsa fuq liema gazzetti gew ippublikati l-avviz tal-Laqgha tal-Lokalita'. Is-Segretarju Ezekuttiv irrispondiet li harget l-avviz fuq l-Orizzont, in-Nazzjon, it-Times u l-Independent skond ir-regolamenti tal-Kunsilli Lokali. Madanakollu, hija qablet li ghas-sena d-diehla, johrog avviz fuq il-bulletttin ukoll.

   Wara konsiderazzjoni tal-minuti, dawn gew approvati kif prezentati u ghalhekk iffirmati mis-Segretarju Ezekuttiv u s-Sindku.

3. Korrispondenza u kommunikazzjonijiet mis-Sindku

   - Tahrika mill-Pulizija rigward il-*hawkers* fuq Kemmuna – is-Sindku spjega kif din hi tkomplija mit-tahrika ta' qabel peress li mhux kull min kien imharrek gie mismuh il-kaz tieghu. Is-seduta ser tkun ghax-xahar ta' Gunju.

   - Skema dwar Inizjattivi Sportivi 2010 – is-Sindku spjega kif is-sena l-ohra kienet harget din l-iskema mis-Segretarjat tal-Onor Clyde Puli flimkien mas-Segretarjat tal-Onor Chris Said. Huwa kompla jghid kif il-gimgha li ghaddiet, kemm hu, kif ukoll is-Segretarju Ezekuttiv attendew konferenza biex gew ipprezenti l-kuntratt ta' dan il-ftehim. Is-Segretarju Ezekuttiv qalet li b'dispjacir kbir ipprovat tikkomunika mal-klubb tal-football biex isir ftehim bejn il-kunsill u l-klubb u jigu organizzati Inizjattivi Sportivi flimkien ghat-tfal t'Ghajnsielem. Il-Kunsill qabel li s-Segretarju Ezekutiv ghandha tibghat ittra lill-club u taghti cans sa nhar it-Tnejn li gej biex jirrispondi ghal-inizjattiva tal-Kunsill.

   - Transport Malta – double line fit-Triq Fifla – approvat

11, Dar Bernardina, Pjazza tad-Dehra, Ghajnsielem. Gsm 1200
Tel. No. 21561515 Fax 21560909 E-mail: ghajnsielem.lc@gov.mt

- Transport Malta – double line u mera fit-Triq il-Gnien – approvati

- Stedina ghal-kuncert - Il-Kunsill gie mistieden mil-President u l-Kumitat tas-Socjeta Muzkali tal-Karmnu Balluta A.D.1987 ghall Kuncert Sinfoniku bejn din is-socjeta u l-Ghaqda Muzikali San Guzepp nhar il-Hadd 20 ta' Marzu 2011 fit-teatru Salezjan f'tas-Sliema.

- Applikazzjoni ghal-fondi mill-EKO Ghawdex – l-applikazzjoni li ghamel il-Kunsill fuq il-progett ta' Passi giet milqugha mil-Ministeru ghal-Ghawdex. Il-Kunsill approva wkoll ir-rapport u l-applikazzjoni imhejji mis-Segretarju Ezekuttiv ghad-devoluzzjoni ta' l-art Ta' Passi.

- Tender tal-lift ghac-Centru Civiku – is-Sindku qara l-kwotazzjoni minghand l-S.S. Lifts Ltd. rigward id-differenza fl-materjal li jista jintuza ghal-lift. Il-Kunsill approva li ssir varjazzjoni fil-materjal rikjest u jigi wzat *brushed stainless steel*.

4. *Mixed Household waste* tender

Is-Sindku ta rendikont ta' x'gara mill-ahhar laqgha tal-Kunsill. Il-Kunsill baghat lill-avukata tal-Kunsill, Dr. Schembri, il-korrispondenza kollha bejn il-Kunsill u d-Dipartiment tal-Kunsilli rigward dan is-sugett, kif ukoll l-ittra mill-avukat Dr. Joseph Grech ghan-nom ta' Anthony Mercieca. Dr. Schembri rrispondiet din l-ittra ghan nom tal-Kunsill. Wara din ir-risposta il-Kunsill ircieva ittra ohra minn ghand Dr. Joseph Grech ghan-nom tas-sur Anthony Mercieca u s-Sindku qara dawn iz-zewg ittri lil-prezenti. L-ahhar ittra mibghuta min Dr. Grech, tghid li huwa qed jipprojbixxi lill-Kunsill milli jinnegozja l-prezz tat-tender mal-KIP Ltd. Is-Sindku spjega kif il-Kunsill kien qieghed jibghat il-korrispondenza kollha fuq dan is-suggett lid-Direttur Generali, is-Sur Martin Bugelli u kien ser jimxi fuq il-pariri tas-sur Bugelli.

Is-Sindku spjega wkoll l-e-mail li rcieva l-Kunsill rigward gbir ta' Skart Domestiku fil-Forti Chambrai mil-avukat Micheal Caruana. Is-Sindku kompla jghid kif is-Segretarju Ezekuttiv kitbet lid-Dipartiment fuq dan il-kaz ukoll peress li skond il-ligi tal-Kunsilli Lokali, l-Forti Chambray kien imnizzel bhala eskluz mir-responsabilita' tal-Kunsilli. Il-Kunsill kiteb lis-Sur Martin Bugelli fuq dan il-kaz fejn dan irrisponda li jekk hemm xi residenti mnizzla fuq ir-registru elettorali t'Ghawdex fil-kumpless ta' Chambrai, il-gbir ta' skart fil-kumpless jaqa` taht ir-responsabilita tal-Kunsill Lokali u jrid jingabar mil-Kunsill.

Hawnhekk, il-Kunsill approva li jaghti t-tender tal-Gbir ta' Skart Domestiku lil KIP Ltd. bil-prezz ta' €141 kuljum, fuq il-parir tad-Direttur Generali. Il-Kunsill iddecieda li ma dan il-prezz jinkludi wkoll il-gbir ta' skart domestiku tar-residenti min Forti Chambrai. Il-Kunsill iddecieda li jinforma b'dan lill-K.I.P. biex wara jkun jista jsir il-Kuntratt.

Is-Segretarju Ezekuttiv spjegat illi s-Sur Anthony Mercieca jixtieq kopja tar-rapport tal-evalwazzjoni fuq it-tender tal-iskart. Il-Kunsill qabel li jintalab parir mid-Dipartiment fuq dan il-kaz u jekk jircievi risposta fl-affermattiv jibghat il-kopji ta' l-evalwazzjoni lis-sur Mercieca.

5. Ghajn tal-Hasselin

Is-Sindku spjega kif fil-laqgha precedenti, il-Kunsill approva li jirtiraw l-applikazzjoni tal-Ghajn min fuq Measure 313. Din il-gimgha, il-Kunsill ircieva korrispondenza mill-MRRA, li l-applikazzjoni tal-Ghajn giet accettata. Is-Sindku spjega kif il-Kunsill kien ser japplika fuq progett ferm akbar fuq dan il-fond li hiereg, u ta rendikont tal-laqgha li saret ma Daniele, fejn dan huwa l-persuna li hadem fuq il-linji gwida tal-Measure 313. Wara diskussjoni, il-kunsill qabel unanimament li jaccetta li tinbena l-ghajn fuq l-applikazzjoni li diga saret.

6. Intelligent Energy Europe

Is-Sindku spjega kif dan il-Kunsill jaghmel parti mill-Covenant of Mayors, u li s-sena l-ohra l-Kunsill kien hejja rapport fuq SEAP. Il-kunsilli li diga ghandhom dan ir-rapport f'idejhom iddecidew li jinghaqdu ma xulxin biex issir applikazzjoni wahda f'Intelligent Energy Europe. Il-Kunsill approva li jissieheb flimkien ma Kunsilli ohrajn u japplika f'dan il-programm.

7. Interreg IVC

Is-Sindku spjega kif dan il-Kunsill ircieva stedina minn Kunsill fil-Provincja ta' Flevoland, fin-Netherlands biex il-Kunsill Lokali Ghajnsielem jissieheb maghhom u ma diversi Kunsilli ohra internazzjonali biex issir applikazzjoni fuq dan il-programm. L-applikazzjoni ser issir fuq 'Green Policies and Infrastructure'. Il-Kunsill approva li jissieheb f'dan il-programm ta' taghlim fejn ikunu jistghu isiru konferenzi u *workshops* fil-lokalitajiet li jippartecipaw. L-ispejjez ta' dawn il-konferenzi ikunu koperti min din l-applikazzjoni ghal-fondi.

8. Tender lokalitajiet sostenibbli

Is-Sindku qal lill-prezenti li ma applika hadd ghal-din it-tender. Huwa spjega li l-Kunsill jikteb lid-Dipartiment ghal parir u jekk ikun hemm bzonn jergha johrog l-avviz tat-tender.

9. Recycle bags

Is-segretarju ezekuttiv spjegat kif ser jitqasmu pakkett boroz grizi offruti mill-Green MT lil-kull residenza mit-Tnejn 28 ta' Marzu sa' l-Erbgha 30 ta' Marzu. Il-gbir ta' dan il-pakkett ser ikun mill-ufficcju tal-Kunsill. Is-Segretarju Ezekuttiv spjegat kif ser tohrog avviz mal-bullettin

10. Materji ohra

Stephen Mercieca

– jitnehhew wires tat-telephone and cable min Triq Bahhara.

Joe Camilleri

- Triq Lourdes – l-isem tat-Triq li kien miktub fuq plakka tac-ceramika u mwahhal ma hajt. Is-Sindku qal li dik kienu serquha. Il-Kunsill qabel li nordnaw plakka bl-isem tal-hadid.

- Rampa tal-Belvedere – il-Kunsill qabel li niktbu ittra lil Lands Department u lill MEPA biex ghalmenu tkun tista titranga r-rampa u r railing mis-sid tal-izvilupp.

- Pjazza Madonna ta' Loreto – staqsa jekk kienx hemm xi laqgha bejn il-Ministru u l-Arcipriet u jekk kienx hemm xi ftehim. Is-Sindku spjega li fil-fatt l-Arcipriet kien iltaqa mal-Ministru u emenda l-pjanti li kienu miftehma. Is-Sindku spjega li wahda mill-emendi ta' l-Arcipriet skond, il-perit Godwin Sultana kienet li tghola l-pjazza, u b'hekk tintilef targa miz-zuntier. Is-Sindku qal li huwa personali ma jaqbilx li dan ghandu jsir. Huwa kompla jghid li wara li titlesta il-pjanta amendata ta' l-Arcipriet, il-Ministru ser tlaqqa lill-Kunsill kollu wahdu biex tispjega l-emendi ta' l-Arciptiet rigward il-pjazza.

- Centru Civiku – meta ser jinfatah? – is-Sindku spjega kif din il-gimgha bdew jitwahhlu l-aperturi u bibien. Huwa qed jippjana li sal-festa, c-Centru Civiku jkun miftuh. Huwa kompla jghid li mar l-School of Arts biex jitlob parir lis-surmast tal-iskola fuq id-desinn fuq il-hgieg li jrid isir fejn it-tarag. Is-surmast offra li jiehu hsieb dan kollu huwa, u l-Kunsill ihallas l-spejjez tal-materjal biss. Il-Kunsill ircieva talba minn ghand artist minn Ghajnsielem, is-sur Vince Caruana sabiex dan ikun jista jaghmel pittura fis-sala tal-Kunsill l-gdid b'konnessjoni ta' veduti tar-rahal t'Ghajnsielem. Il-Kunsill qabel ma dan u talab lis-Segretarju Ezekuttiv biex iggib stima ta' din il-pittura minghand Vince Caruana.

- Isem tat-Triq min Sqaq Balliju ghal-Mons. De Piro – is-Segretarju Ezekuttiv qalet li ghadha minghajr risposta

- CCTV Camera – staqsa jekk kienx hemm xi zvilupp. Is-Segretarju Ezekuttiv spjega li hija baghtek l-ittra t'accetazzjoni tat-tender. Ser issir laqgha mal-Alberta fil-vicin.

- Clean up campaign – staqsa jekk hix ser issir. Is-Sindku spjega li din l-attivita tista issir ghal nofs ix-xahar ta'April meta jkun issoda ftit it-temp.

Larry Buttigieg

– Din is-sena ser jigi organizzat paegent mill-Ghaqda Drammatika fejn huwa propost li jsir fuq iz-zuntier ta' Pjazza Indipendenza. L-ghaqda qed titlob l-ghajnuna tal-Kunsill biex dan il-peagent ikun jista jsehh. Il-Kunsill qabel li jidhol f'kollaborazzjoni mal-Ghaqda Drammatika biex dan il-peagent ikun jista jsehh u li jhallas il-PA system ta' madwar €300.

Il-laqgha ntemmet fit-6pm. Is-Sindku sejjah laqgha ohra tal-Kunsill nhar il-Hamis, 7 t'April, 2011, fil-5.00pm.

Francis Cauchi
Sindku

Amanda Cauchi
Segretarju Ezekuttiv